**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 176**

It-Tlieta, 21 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Amanda Spiteri Grech kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Davina Sammut Hili kienet imsiefra fuq xogħol tal-partit.

L-Onor. Abigail Camilleri kienet skużata.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagh, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 175 li saret fil-21 ta' Novembru 2023 kienu kkonfermati.

## INFORMAZZJONI MILL-ISPEAKER

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 2607 | Rapport Annwali għas-Sena 2022 tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika; |
| P.L. 2608 | Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Modesta Farrugia et vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 243/2022LM) deċiża fil-15 ta' Settembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li s-sentenza ma ġietx appellata datat 14 ta' Novembru 2023; |

P.L. 2609 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Rosaria sive Lucy mart Joseph Camilleri vs John Privitera et (Rikors Numru 308/2022LM) deċiża fil-15 ta' Settembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li s-sentenza ma ġietx appellata datat 14 ta' Novembru 2023; u

P.L. 2610 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet in-Nutar Dottor John Cachia Zammit et vs Carmelo Aquilina et (Rikors Numru 524/2022LM) deċiża fil-15 ta' Settembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li s-sentenza ma ġietx appellata datat 14 ta' Novembru 2023.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.33 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11406 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TALBA GĦAL RULING**

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Darren Carabott, talab ruling mis-Sedja wara li fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi irriżulta illi l-Onor. Clayton Bartolo kien għadda minn qabel il-mistoqsijiet li kienu ser jiġi magħmula lix-xhud f'dik il-laqgħa. L-Onor. Carabott talab lis-Sedja tara dan jammontax għal xi ksur ta' regoli li jistgħu japplikaw.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2611 Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijet li nħarġu fuq scooters f'Jannar 2023 maqsuma skont il-lokalita u skont il-kontravvenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11407;

P.L. 2612 Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijet li nħarġu fuq scooters f'Frar 2023 maqsuma skont il-lokalita u skont il-kontravvenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11408;

P.L. 2613 Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijet li nħarġu fuq scooters f'Marzu 2023 maqsuma skont il-lokalita u skont il-kontravvenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11409;

P.L. 2614 Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijet li nħarġu fuq scooters f'April 2023 maqsuma skont il-lokalita u skont il-kontravvenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11410;

P.L. 2615 Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijet li nħarġu fuq scooters f'Mejju 2023 maqsuma skont il-lokalita u skont il-kontravvenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11411;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2616 *Work Plan 2023 – 2025* tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet (National Skills Council), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13436;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2617 Exemption Order numru MTCA 136/23 (MF 16/84/189) maħruġa fil-21 ta' Novembru 2023 lil Malta International Contemporary Art Space, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

P.L. 2618 Exemption Order numru CFR 138/23 (MF 16/84/190) maħruġa fil-21 ta' Novembru 2023 lil Circular Economy Malta, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2619 Tabella li turi n-numru ta' kawżi reġistrati fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fil-perjodu bejn Ġunju 2007 u Ottubru 2023, maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12945;

P.L. 2620 Tabella li turi n-numru ta' kawżi reġistrati fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ fil-perjodu bejn Jannar 2000 u Ottubru 2023, maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12946;

P.L. 2621 Tabella li turi informazzjoni dwar kawżi li ġew terminati fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva bejn Ġunju 2007 u Ottubru 2023 maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12947; u

f'isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2622 Tabella li turi informazzjoni dwar dawk il-persuni li jaħdmu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Anzjanità Attiva, li qed jagħmlu kors online ma' università barranija jew fl-Università ta' Malta, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 13570.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IL-ĦDAX-IL SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, l-Onor. Roderick Galdes, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 21 - MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €48,784,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 21 - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT IX - MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €233,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot IX - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.37 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Ivan Bartolo ressaq din l-Emenda:

**VOT 21 - MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI**

***Personal Emoluments***
***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

*Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".*

Fis-6.02 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Albert Buttigieg għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Romilda Zarb, l-Onor. Naomi Cachia u l-Onor. Roderick Galdes għan-naħa tal-Gvern.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Ivan Bartolo qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2623 Screenshot ta' post minn Property Market in Malta dwar bed space ġewwa x-Xgħajra u s-Siġġiewi.

Fis-7.24 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

L-Assistent Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, informat lill-Kamra li skont kif provdut fil-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023 intlaħaq ftehim sabiex is-seduta tal-għada filgħodu, 22 ta' Novembru 2023, tibda fit-8.30 a.m.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.26 p.m. il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli ppropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2023 fit-8.30 a.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**<u>It-Tnax-il Seduta Stabbilita – Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali</u>**

Vot 25 - Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali
Vot XII - Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali – Kapital

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023:*

Abbozz Nru 70 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla - Tielet Qari – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

L-Onor. Roderick Galdes informa wkoll lill-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.29 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**